# FIL-PRIM' AWLA QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF

**Illum 15 ta' Mejju, 2018**

Kawża Numru: 6

Rikors Nru: 543/2016JRM

**Edwin Borg**

**Vs**

**L-Avukat Martin FENECH u l-P.L. Jeremy Buttigieg li b'degriet tal-21 ta' Frar, 2018, nħatru bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-wirt ta' Carmel sive Charles Camilleri (K.I. 361666M)**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-tlieta (3) ta' Frar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Rik. Nru 107/2003GCD) u dan billi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-Kuraturi Deputati maħtura biex jirrappreżentaw lill-wirt battal ta' Carmelo Camilleri notifikati ma ppreżentawx risposta;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-Kuratur Deputat Avukat Martin Fenech waqt is-smigħ tal-lum;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, b'dan li jekk hemm xi drittijiet dovuti lill-Kuratur Deputati, dawn għandhom jitħallsu provvizorju mir-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**15 ta' Mejju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**15 ta' Mejju, 2018**